# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **22 TA' OTTUBRU 2017**

**Proġett tal-Kampnar**
Għall-grazzja t'Alla din il-ġimgħa tlesta x-xogħol ta' ġebel ġdid tal-qawwi għas-salib u manutenzjoni fil-parti ta' fuq tal-kampnar. Saret ukoll l-istallazzjoni ġdida u aktar moderna tas-sistema tal-kalamità minħabba s-sajjetti. Dan GRAZZI għall-ħaddiema u l-voluntiera li ilhom dawn l-aħħar xhur jaħdmu sabiex dan il-proġett ikun possibbli. Grazzi mill-qalb lilkom tal-ġenerożità u s-sapport tagħkom sabiex nieħdu ħsieb kif inhu xieraq tad-dar t'Alla fil-komunità tagħna ta' Wied il-Għajn.

**Ġurnata Missjunarja**
Illum u għada hija l-Ġurnata Missjunarja. Il-ġbir kollu li se jsir fil-knejjes tad-dinja Kattolika jmur biex il-Kelma ta' Alla tixxandar anke f'artijiet ġodda. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom.

**Il-Griżma tal-Isqof**
Illum, is-Sibt u għada l-Ħadd ser niċċelebraw il-Griżma tal-Isqof. Is-Sibt il-Griżma tibda fl-4:30pm u l-Ħadd tibda fl-4:00pm. **Minħabba l-Griżma għal nhar is-Sibt BISS il-quddiesa tal-5:15pm tkun fis-Sala Sant'Anna.**

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 23 ta' Ottubru 2017 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq l-Iskal, Triq ix-Xibka u Triq il-Ħarruba.**

Il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Ġużeppi Spagnol u Triq il-Qrempuċ.**

**Lectio Divina**
It-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017 fis-7.00pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fit-8.00pm. Inħeġġiġkom sabiex iġibu magħkom il-Bibbja.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017 fid-9.00am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina**

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017 fis-7:15pm ser issir l-ewwel laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali.

**Ċentru tal-Vokazzjonijiet Djoċesani r-Rabat**

Il-Ħadd 29 ta' Ottubru 2017, mit-8:30am sa 12:30pm fis-Seminarju tal-Arċisqof tal-Virtù r-Rabat qed tkun organizzata *Car Wash*. Fl-10:30am ser tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Kappella taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

It-Tnejn 30 ta' Ottubru 2017 fis-6:30pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

**Rużarju f'Ottubru**

Niftakru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jitalab ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta' Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Rużarju flimkien.

**Solennità tal-Qaddisin Kollha**

It-Tlieta 31 ta' Ottubru 2017 flimkien mal-Appostli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha. Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. **Inħeġġu lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!**

**Tifkira tal-Mejtin Kollha**

Il-Ħamis 2 ta' Novembru 2017 ser issir quddiesa fis-7:30pm sabiex noffruha għall-mejtin kollha li mietu matul din is-sena. Min jixtieq jista' jagħtina santa tal-għeżież mejtin li mietu matul din is-sena sabiex nagħmluha mal-*board* fil-knisja. Tistgħu tagħtuha lil xi ħadd minna s-saċerdoti sa nhar l-Erbgħa 25 ta' Ottubru.

**Ħarġa fil-Kampanja**

Il-Ħadd 5 ta' Novembru 2017 flimkien mal-Kummissjoni Familja ser norganizzaw Ħarġa fil-Kampanja għal kulħadd fl-inħawi tal-Buskett. Ser nitilqu fis-1:15pm minn quddiem is-Sala Sant'Anna, fl-4:00pm jkollna quddiesa fil-kappella tal-Palazz Verdala u fil-5:00pm nitilqu lura lejn Wied il-Għajn. Inħeġġukom li nattendu u min jixtieq jitla' magħna bit-trasport jikteb ismu fis-sagristija.

**Assemblea Parrokkjali 2017**

It-Tlieta 7 u l-Ġimgħa 10 ta' Novembru 2017 fil-Parroċċa tagħna għandna l-Assemblea Parrokkjali li hija avveniment importanti fil-ħajja tal-Parroċċa tagħna. Ejjew nieħdu sehem biex bħala familja waħda sabiex napprezzaw is-sabiħ tal-ħidma ta' xulxin u nirriflettu fuq dak li nixtiequ fil-Parroċċa tagħna. Nistednukom għall-quddiesa tas-6:00pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna għal ħin ta' kafe' u wara laqgħa bit-tema: "Il-Parroċċa: Familja ta' Familji" (AL 202). Nixtiequ narawkom matul il-jumejn tal-Assemblea Parrokkjali.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied. Dettalji aktar tard.

***New Year's Eve Party***

Il-Ħadd 31 ta' Diċembru 2016 wara l-quddiesa tat-8:00pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kors ta' Kana bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani**

Fil-Parroċċa tagħna l-Kors ta' Kana ser jibda il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2018. Niltaqgħu nhar ta' Ġimgħa fis-7:30pm fis-Sala Sant'Anna bejn Jannar u Marzu. L-għarajjes interessati għandhom japplikaw billi iċċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali (27633703 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali) jew jinkitbu fis-sagristija.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn is-26 ta' Jannar 2018 u l-4 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm jinkisbu mis-sagristija. Min jibbukkja sal-1 ta' Novembru 2017 hemm skont kif huwa ndikat fil-programm.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha li nkitbu mal-Kunsill Lokali sabiex jieħdu t-tilqima tal-influwenza ninfurmawhom li ser tibda tingħata fl-uffiċini tal-Kunsill bejn it-Tnejn 23 ta' Ottubru u l-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017 mit-8:00am sa 12:00pm.